KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun**

**Id-Disa' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 17**

Laqgħa tal-kunsill Lokali Il-Ħamrun, fis-sala tal-Kunsill, nhar l-Erbgħa 8 ta' Ottubru, 2025, fil-5.30p.m.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut
Vince Bonello
Mario Calleja
Antoine Vassallo
Jean Carl Agius Ciscaldi
Maria Mallia
Maria Baldacchino

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Tanya Agius Borg – Segretarju Eżekuttiv

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Aymen Grech Pace

**ASSENTI**

Carmen Borg

Is-Sindku Christian Sammut jippresjedi l-laqgħa

**17.02 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa preċedenti**

17.02.01 Fi Pjazza 7 ta' Ġunju twaħħlu l-kameras beda l-moniteraġġ. Kien hemm xi individwi li xorta baqgħu jħallu l-boroż però dawn ġew mitkellma u kif ukoll ingħataw xi *warnings*.

17.02.02 Ix-xogħol fuq il-proġett tar-Roof Garden għadu għaddej. Saret ukoll laqgħa mal-Awtorità tal-Ippjanar rigward possibilità ta' aktar fondi.

17.02.03 Sar xogħol minn Infrastructure Malta fi Triq San Ġorġ Preca, fejn ingħata l-ewwel saff ta' tarmak, u se tkun lesta lejn l-aħħar ta' Ottubru. Fil-preżent hemm ftit *issues* ħabba l-vannijiet tal-iskola. Qed jingħad ukoll li triq djieqet però mhux il-każ. Se tkun qed tiġi indirizzata il-problema li qed jinħoloq ftit ġenn ħabba l-vannijiet tal-istudenti.

17.02.04 Saret laqgħa bejn il-kap tal-iskola u xi rappreżentanti tal-vannijiet biex tiġi solvuta din il-problema. Ġie diskuss u anke maqbul li t-triq tingħalaq għal 30 minuta qabel il-ħruġ tal-istudenti, biex b'hekk jiġi evitat il-kaos. Se jkun qed jibda l-proċess biex jitwaħħlu t-tabelli. Fuq dan se jkun qed isir ftehim bejn l-iskola, l-kunsill u tal-vannijiet.

17.02.05 Rigward ix-xogħol fuq it-tenders, saret l-aġġudikazzjoni tat-tender tal-iskart goff. Ħadu l-istess fornitur li hemm bħalissa.

17.02.06 Is-Sindku informa lill-kunsillieri li ma kien hemm l-ebda risposta wara l-laqgħa li kellu mal-YMCA.

17.02.07 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li x-xogħol fi Triq is-Santissima Trinità huwa lest u kif ukoll saru il-marki tal-art.

17.02.08 It-tender tal-*Carpark* huwa lest, però se jerġa jkun hemm follow-up ieħor fuqu. Fl-aħħar laqgħa kien ġie diskuss u approvat li l-prezz se jkun qed jogħla. Għalhekk ġie ikkonfermat li l-prezz se jkun qed jogħla gradwalment f'perjodu ta' tlett snin. Saret mill-ġdid diskussjoni libera fuq dan il-punt. Kunsill qabel fuq dan it-tibdil.

17.02.09 Is-Sindku nforma lill-kunsillieri li rigward il-kampanja li qed tieħu ħsieb il-*marketing* relatata mal-Ħamrun. Huwa qal li l-ħidma bdiet u bħalissa qed isiru diversi *storyboards* biex jibdew inħadmu aktar filmati.

17.02.10 Rigward l-audit, bħalissa qed titwieġeb il-management letter tas-sena 2022, filwaqt li se tkompli għaddejja l-ħidma biex jibda x-xogħol fuq l-audit tal-2023.

17.02.11 Kif kien tiġa ġie diskuss se jkun hemm xi studenti mill-iskola ta' Birkirkara li se jibdew jattendu fl-iskola tal-Ħamrun sa kemm jitlestew ix-xogħolijiet f'din l-

iskola. Ġie propost li fi Triq Adelaide Ċini, tinbidel kif tidħol u/jew toħroġ minnha. Dan il-proċess beda, fejn għalkemm in-nies għadha qed tidhra, jidher li l-pass mixi tajjeb.

17.02.12 Attività li ġiet organizzata minn Ħamrun Spartans saret u kienet tajba ħafna. Is-Sur Joseph Portelli ingħata r-rikonoxximent ta' Ċittadin Onorarju li kien apprezzat ferm.

17.02.13 Fi Triq Roger Debattista, Triq Oscar Zammit u Triq il-Franġiskani it-tarmak jinsab lest u t-triq għandha dehra ferm sabiħa. Bħal issa qed nistennew li jsiru is-sinjali tal art. Is-Sindku qal se jkun hemm diskussjoni fuq l-*issue* tal-parkeġġ f'din it triq. Saret diskussjoni libera fuq dan il-punt.

17.02.14 It-tender tal-konvenjenza pubblika se jkun qed jitla fuq is-sistema fiż-żmien li ġej.

17.02.15 Fuq il-problema tal-lift tal-*carpark* bħalissa għaddejja ħidma rigward l-ispiża, però s'issa għadha m'hemmx stima tal-ispejjeż.

17.02.16 Fuq l-attivitajiet relatati mal-Ġimgħa Mqaddsa – Mixja ma' Kristu fi Triqatna, l-Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni qablet li filwaqt li l-Kunsill se jkun qed jappoġġja din l-inizjattiva, se tkun l-għaqda stess li tieħu ħsieb kollox.

17.02.17 Is-Sindku fakkar lill-kunsilliera li hemm bżonn li kulħadd jaħdem fuq id-dekasteru tiegħu. Importanti li jibdew jiġu maħsuba xi ideat.

## 17.03 Komunikazzjoni mis-Sindku

17.03.01 Is-Sindku informa lill-kunsillieri li l-proġett taż-żona ta' Atoċja se jkun qed jibda fiż-żmien li ġej. Kien hemm tiġa *site visit* flimkien mal-kuntrattur. Huwa nforma lill-kunsillieri li l-art se tkun magħmula minn kubetti ta' ġebel oħxon.

17.03.02 Fuq il-proġett tar-Rabbat, kien hemm xi problemi żgħar għal fatt li hemm xi xogħol li baqa' pendenti, fosthom dawl f'fanali u l-funtana. Għal fatt li dawn ix-xogħlijiet waqfu il-kunsill ħass li, sakemm jitkompla x-xogħol, il-pagamenti jitwaqqfu.

17.03.03 Is-Sindku nforma lill-kunsillieri li nhar il-Ħadd 12 ta' Ottubru se jkun qed isir il-programm Bonġu Malta mill-Ħamrun.

17.03.04 Saret diskussjoni fuq il-ħidma li qed issir mill-impjegati li jaħdmu fuq barra. Bħala ħaddiema qed jagħmlu xogħol tajjeb ħafna. Huwa qal ukoll li hemm persuna li qed tieħu ħsieb li ddur it-toroq biex tara xi nuqqasijiet li jista' jkun hemm u kif ukoll anke fejn jidħol skart li ma jkunx ħareġ fil-ġurnata tiegħu. Fuq dan il-punt is-Sindku semma ukoll l-infurzar li qed isir mingħand l-uffiċjali tal-LESA, fejn qed jaraw anke li kull min ikun qed jaħdem ikollu kollox b'ordni u bil-permessi meħtieġa.

## 17.04 Korrispondenza

17.04.01 Il-Kunsill irċieva email mingħand il-Malta Biljard Association biex isir mafkar għal Joe Grech, ex champion tad-dinja tal-biljard. Is-Sur Grech huwa Ħamruniż. Saret diskussjoni libera fuq dan il-punt però din id-diskussjoni għandha titkompla biex jiġi miftiehem sew kif u fejn l-aħjar li dan il-mafkar isir.

17.04.02 Is-Sindku qal li kien hemm suġġeriment li Triq il-Vitorja, l-ewwel biċċa li tmiss Triq Farsons, tiġi bil-kontra. Wara li kien hemm diskussjoni fuq dan il-fatt, il-kunsill qabel li din għandha titħalla kif inhi.

17.04.03 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-qorti rigward każ ta' aċċident li sar xi snin ilu. Dan sar meta kien ġie irranġat il-madum ta' quddiem il-Knisja tal-Kunċizzjoni. Jidher li sakemm kienu qed isiru x-xogħolijiet kien hemm persuna li waqgħet u qed tfittex il-Kunsill għad-danni. Il-kawża tgħid li dawn jammontaw għal €10,000. Skond l-avukat tal-Kunsill, dan l-ammont huwa ammont raġonevoli. Fuq dan il-każ saret diskussjoni libera.

17.04.04 Il-Kunsill qabel li dan l-ammont jitħallas u wara jiġi diskuss x'jista jiġi miġbur lura minnhom, biex tittaffa ftit l-ispiża.

17.04.05 Is-Sindku qal li huwa bżonn li l-istaff tal-uffiċju jkun bl-uniformi. Fuq din hemm budget ta' €200 għal kull ħaddiem. Apparti minn hekk, se jkun qed isir ukoll flokk għall-ħaddiema ta' barra. Il-Kunsill qabel.

## 17.05 Ħamrun Chocolate Festival

17.05.01 Is-Sindku qal li bħalissa għaddej xogħol kbir fuq din l-attività. Ix-xogħol mixi sew, u l-ispejjeż m'humiex żgħar. Huwa qal li huwa mportanti li kulħadd jattendi u jagħmel publiċita għal dan l-avveniment. Huwa qal li peress li din is-sena se tkun il-15-il sena ta' dan il-festival, se jkollna żewġ attrazzjonijiet li qed jaħdmu fuqhom iċ-ċikkulatiera. Dawn huma relatati ma' żewġ films popolari li huma Jurassic World Re-birth u Assassin Creed. Ma' dawn se jkunu qed jinġiebu xi props li intużaw fil-films stess. It-toroq se jkunu qed jingħalqu bħas-snin ta' qabel

17.05.02 Is-Sindku saħaq li l-ispejjeż huma kbar u varji, eżempju wieħed kien li l-uffiċjali tal-LESA ġew aktar minn €3000. Bħala kunsilliera importanti li jkunu preżenti li jkun hemm kulħadd. Il-ħidma se tkun li kull kunsillier se jkollu stage li jieħu ħsieb hu.

17.05.03 Se tkun qed issir konferenza tal-aħbarijiet, nhar l-Erbgaħ 15 ta' Ottubru fl-istabbiliment Cafè Elia. Bħala armar fit-toroq se jkun bħas-snin ta' qabel, però din is-sena Triq Dun Nerik Cordina Perez se tkun iddedikata lill-artiġjanat filwaqt li fi Triq il-Ferrovija se jkun hemm show tal-karozzi.

**17.06 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

17.06.01 Il-kunsilliera Maria Baldacchino qalet li qeda f'kuntatt ma' persuna li hija interessata li tagħmel wirja fil-Ħamrun Cultural Hub.

17.06.02 Il-Kunsillier Mario Calleja qal li hemm bżonn li jsir xi tranġar fi Triq Gafa u kif ukoll li jitranġaw il-culverts f'dik it-triq. Fuq dan il-punt is-sindku qal li hemm diversi li huma aktar ta' prijorità.

17.06.03 Il-Kunsillier Mario Calleja qal ġie avviċinat mis-sorijiet tal-Franġiskani biex ikun hemm parkeġġ li jkun disponibbli waqt il-ħinijiet tal-iskola biss. Però jidher li dan mhux applikabbli għal fatt li dan il-parkeġġ huwa in-naħa opposta tat-triq, u xorta jkun hemm periklu għat-tfal.

17.06.04 L-istess kunsillier qal li ġie avviċinat minn persuna, fejn ġibet l-attenzjoni li għandu jkun hemm aktar tabelli li jindikaw l-ismijiet tat-triq. Is-Sindku qal li dawn ġeneralment ikunu fil-bidu u fit-tmiem tat-triq. Huwa kompla jgħid li jkun hemm min ma jkunx irid din it-tabella mad-djar. Iżda jekk triq tkun twila, jista' jkun hemm tabella oħra fin-nofs.

17.06.05 Fi Triq Kanonku Bonniċi kien hemm persuna li qed tissuġġerixxi li jkun hemm mera fejn l-istop sign li hemm.

17.06.06 Il-kunsilliera Maria Mallia ġiet avviċinata minn xi nies għal possibilità li jiġu skurati l-linji tar-rampa li hemm fejn il-knisja ta' San Gejtanu.

17.06.07 L-istess kunsilliera irringrazzjat lill-ħaddiema tal-kunsill li qed inaddfu l-ispralls. Faħħret ħafna x-xogħol li qed jagħmlu. Fuq dan is-Sindku qal li dan ix-xogħol li qed isir mill-istaff, qabel kien isir mill-kuntrattur, imma issa li qed isir mill-istaff, grazz għalhekk qed jiġu ffrankati ħafna flus.

**17.07 Milied**

17.07.01 Is-Sindku informa l-kunsilliera li din is-sena se jkunu qed isiru l-festini tal-milied għat-tfal, għall-anzjani u kif ukoll inizjattivi oħra.

17.07.02 Fost l-attivitajiet li huma pjanati hemm kompetizzjoni għall-isbaħ faċċata ta' dar u l-isbaħ ħanut imżejjed. Se jsiru ukoll attivitajiet fejn se jiġu nvoluti l-iskejjel fost l-oħrajn anke xi purċissjonijiet, korijiet ect.

17.07.03 Hemm ħsieb ukoll li jsiru xi korsijiet tal-presepji li eventwalment issir wirja bihom fil-Ħamrun Cultural Hub. Min hawn kien hemm diskussjoni libera fuq il-possibilità li jsir Christmas Village fil-pjazzetta tal-Kunsill.

**17.08 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagament**

17.08.01 L-iskeda tal-ħlasijiet numru 08.2025 ġiet approvata mill-Kunsilliera Maria Baldacchino u issekondata mill-Kunsilliera Maria Mallia .

17.08.02 Saret nota rigward pagament li kien hemm fil-konfromt tal-kumpanija J&K. Dan kien sar xi żmien ilu però qatt ma kien tniżżel fl-iskeda tal-pagamenti. Għalhekk ġie mniżżel f'din l-iskeda a fini ta' korrettezza.

**17.09 Aġġornament tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Laqgħa li jmiss hija skedata għat-Tlieta 11 ta' Novembru, fil-5.30pm.

Christian Sammut
Sindku

Tanya Agius Borg
Segretarju Eżekuttiv